MALTA

**TRIBUNAL GHAL TALBIET** ZGHAR
**GUDIKATUR DR. KEVIN MOMPALAO**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Talba Numru. 24/2013

Go plc

-vs-

Benjamin Andrew Horner

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' sitt mija u tletin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€630.82), import ta' servizz telefoniku fuq in-numru 21554927. Dan bl-ispejjez kollha.

Ra illi l-konvenut gie notifikat b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni. Dan kif jirrizulta mir-riferti tal-Marixxal, a folio tergo hmistax (15) tal-process u mill-publikazzjonijiet a folio sbatax (17), u tlieta u ghoxrin (23) tal-process. Il-konvenut ma prezenta qatt risposta.

Ra illi fis-seduti ta' wara tali notifika il-konvenut ma deherx.

Ra u sema l-provi mressqa u ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digriet tieghu tal-erbgha ta' Marzu, elfejn u erbatax (04.03.2014) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum

Ikkonsidra

Illi l-konvenut naqas milli jikkontesta din it-talba. Fil-fatt huwa la prezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deher quddiem it-tribunal sabiex jikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenut saret permezz tal-publikazzjoni u ta' l-affissjoni. L-estratt ta' dan l-avviz gie ippublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnal 'L-Orizzont'. Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi.

Illi fis-seduta tal-erbgha ta' Marzu, elfejn u erbatax (04.03.2014) it-Tribunal sema' lir-raprezentant tal-kumpanija attrici jikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut. Il-kreditu dovut huwa spejgat ukoll fir-rendikont esebit.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi kemm fin-nuqqas ta' oppozizzjoni kif ukoll mil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

Wara li ra ukoll l-Artikolu 13B tal-Kap 380.

Jaqta u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' sitt mija u tletin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€630.82); bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------